# GĦANDEK VOKAZZJONI?

Din tidher mistoqsija li wieħed għandu jagħmilha għal ftit persuni magħżulin. Imma le, vokazzjoni għandu kulħadd. Alla għandu proġett imfassal għal kulħadd. Hawn min hu msejjaħ għaż-żwieġ, hawn min iħossu msejjaħ biex ifejjaq il-ġisem, biex jgħallem u l-kumplament. Dawn kollha huma vokazzjonijiet.



Imma llum ħassejt li għandi niktbilkom kelmtejn fuq il-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Għall-grazzja t'Alla se jkollna żagħżugħ fis-Seminarju. Nitolbu għalih. Insostnuh bit-talb. "Itolbu lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-għalqa tiegħu". Dan huwa kliem Ġesù.

F'dawn il-ġranet li għaddew kellna fostna fil-parroċċa lil saċerdot Brażiljan li kien seminarista meta kont għadni nservi hemmhekk.




Interessanti li qalli li fid-djoċesi tiegħu jkollhom numru sabiħ ta' żgħażagħ li jħossuhom imsejħin għas-saċerdozju. Filwaqt li fl-imgħoddi kellhom qassisin jieħdu ħsieb żewġ parroċċi issa hemm parroċċi b'iktar minn saċerdot.

Fl-Ewropa s-sitwazzjoni hija differenti, tneħħi xi eċċezzjonijiet. Forsi hemm xi żagħżugħ fostkom li qed jaqra dal-messaġġ. Kun af, li Ġesù lil xi wħud jgħidilhom, "Ejja warajja".

Il-vokazzjoni ma tiġix mill-ajru. Ġwanni XXIII, il-Papa tat-Tbissima, darba qal hekk: "Jien ħriġt mid-dar meta kelli għaxar snin biex nidħol fis-seminarju. Minn dakinhar sal-lum studjajt ħafna, qrajt ħafna kotba, ivvjaġġajt, għamiltha ma' ħafna nies u kont f'karigi importanti fil-Knisja. Iżda nħoss li dak li tawni l-ġenituri fl-ewwel snin ta' ħajti, ma ksibtu mkien".

Hemm xi ħadd li jħossu msejjaħ biex iservi fil-Knisja, mad-dinja kollha?

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

Infakkrukom li bħalissa qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal korsijiet il-ġodda li qed joffri l-IPM. L-applikazzjonijiet għall-kors ***Safeguarding of Minors*** jagħlqu fit-30 ta' Awwissu 2023, filwaqt li l-applikazzjonijiet għall-kors ***Award in Biblical Formation - An Introduction to the Bible*** jagħlqu fil-15 ta' Settembru, 2023. Għal aktar dettalji jew biex tapplika żur www.ipm.edu.mt.

**QUDDIESA FIL-BERAĦ:** fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Reġina, nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu fi Triq it-Tramuntana quddiem il-Madonna. Tibda fit-8:00pm. Kulħadd huwa mistieden. Tingħata tifkira tal-okkażjoni lil dawk preżenti.

**FLOW #5:** Iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza attività ta' water games għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet, nhar it-Tlieta 29 ta' Awwissu. L-attività tibda fil-5pm u tispiċċa għas-7:30pm. Importanti li jiġu bil-malja minn taħt u b'tibdila żejda. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.

**FRIĠĠ U FREEZER:** familja li għandha friġġ u freezer f'kundizzjoni tajba, tixtieq tirregalahom lil xi ħadd li jeħtieġhom. Jekk tafu lil xi ħadd li għandu bżonnhom, kellmu lil xi ħadd fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**ŻJARA FIL-BRAŻIL:** l-Arċipriet se jagħmel żjara fil-Brażil, fil-parroċċi fejn kien jaħdem meta kien hemm. Jekk xi ħadd irid iwassal karità lil min hu fil-bżonn, tistgħu tkellmuh jew ħallu l-għajnuna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## ROKNA EKOLOĠIKA

25% tal-materjal li jintefa fil-boroż tar-riċiklaġġ hu magħmul minn materjal li ma jistax jiġi riċiklat.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am